**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 232/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Joseph Manuel Galea**

**Illum, 7 ta ’Dicembru 2023**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, **Joseph Manuel Galea** detenur tal-karta tal-identita Maltija **31182M**, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

Nhar it-22 ta' Novembru 2022 ghall-ħabta ta' bejn 09:15hrs u 09:45hrs ġewwa l-Gzejjer Maltin:

1. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika heddidt li tagħmel xi reat fil-konfront ta' Francis Grima bi kliem. *Art 49(a) Kap 399*

2. U aktar talli għamilt użu mhux xieraq b'apparat ta' komunikazzjoni elettronika. *Art 49(c) Kap 399*

U aktar talli matul il-jum ta' 22 ta' Novembru 2022 u/jew fix-xhur u/jew snin ta' qabel fi bnadi ohra fil-Gzejjer Maltin:

3. Żammejt f'xi fond jew kellek fil-pussess tiegħek, taħt il-kontroll tiegħek jew ġarrejt barra minn xi fond jew fid-dintorni tiegħek xi arma tan-nar, jew munizzjon elenkati fl-Iskeda II tal-Att dwar l-Armi (Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta) mingħajr ma' kellek liċenzja taħt dak l-Att u dan bi ksur tal-Artikolu 5(1) tal-Kap 480 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurta ta' Francis Grima detentur tal-karta tal-identita' 781757M ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384, 385, 412C tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tordna l-konfiska tal-istrumenti li servew jew li kien maħsub li jservu sabiex isir id-delitt, u ta' kulma jkun ġie miksub bid-delitt, u dan ai termini tal-Artikolu 23 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet ġentilment mitluba sabiex f'kaz ta' ħtija tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew jikseb dak il-warrant, liċenzja, permess jew awtorita' għall-perjodu ta' żmien li l-Qorti jidrilha xieraq, u dan ai termini tal-Artikolu 30 tal-Kap tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar is-6 ta' Ġunju, 2023, fejn iddikjarat lill-imputat appellant Joseph Manuel Galea ħati tat-tielet imputazzjoni dedotta kontra tiegħu u kkundannatu għall-ħlas ta' multa ta' elf ewro (€1,000) filwaqt li lliberatu mill-ewwel u mit-tieni imputazzjoni deddotti kontra tiegħu.

Ai termini tal-artikolu 23 tal-Kodici Kriminali, il-Qorti ordnat il-konfiska tal-arma tan-nar (shotgun) esebita mill-Prosekuzzjoni fis-seduta tas-6 ta' Dicembru 2022 (Esebit Numru KA 432/2022).

Finalment, ai termini tal-artikolu 30 tal-Kodici Kriminali, il-Qorti skwalifikat lill-ħati milli jkollu jew jikseb għal żmien ħames (5) snin mil-lum liċenzja għaż-żamma ta' arma tan-nar.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Joseph Manuel Galea, preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-20 ta' Ġunju, 2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi:

1. Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti ma sabitx lill-appellant ħati tal-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjonijiet dedotti kontrih, u;
2. Fid-dawl tal-aggravju 'A', tħassarha in kwantu sabet lill-appellant ħati tal-tielet (3) imputazzjoni u minflok tilliberah minnha, jew;
3. Fid-dawl tal-aggravju 'B' tvarja l-piena erogata b'piena iktar ekwa u ġusta.

Rat l-aggravji tal-appellant Joseph Manuel Galea li huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti, u cioe':

**L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

**A. Dwar is-shotgun misjub fir-residenza tal-appellant**

- Fl-udjenza miżmuma nhar il-25 ta' Ottubru 2022, ddeponiet ix-xhud PS2255 Oriella Degabriele fejn saħqet li mir-records tal-Pulizija irriżulta li fuq l-appellant kien hemm reġistrati żewġ armi tan-nar. Waħda bis-serial number 61, liema arma pero' kienet ġiet rapportata nieqsa mill-appellant stess fis-sena 2009 u oħra tat-tip shot-gun bis-serial number 19835 li l-liċenzja taż-żamma u l-pussess tagħha kienet skaduta. L-istess xhud għaddiet sabiex tesebixxi l-arma li ġiet elevata mir-residenza tal-appellant. Testwalment tali xhud saħqet hekk:

> *"Mela, għamilt riċerka fuq is-sistema tal-Pulizija tal-armi, fuq l-ID Card Number 31182M li jappartjeni lil ċertu Joseph Manuel Galea fejn irriżulta li s-Sur Galea ilhom ma jitħallsu l-liċenzji fuq l-arma li kellu mit-2014. Fuqu kellu 2 armi rreġistrati. Arma waħda bis-serial number 61 li hija shotgun, dik kien irrappurtaha li kienet misruqa fit-2009, imbagħad kellu arma oħra bis-serial number 19835 li hija senter li kienet qegħda għandu mingħajr ma l-liċenzja kienet mħallsa. L-aħħar li tħallset il-liċenzja fuq din l-arma kienet 2014."*

- Fis-sentenza appellata, l-Ewwel Onorabbli Qorti saħqet li t-tielet (3) imputazzjoni ġiet integrata w sodifaċentement ippruvata mill-Prosekuzzjoni u fl-għarbiel ġudizzjarju tagħha għaddiet sabiex toħloq ness bejn l-arma tan-nar elevata mir-residenza tal-appellant u t-testimonjanza ta' PS2255 Oriella Degabriele in kwantu tenniet li l-liċenzja tal-appellant għaż-żamma tal-arma tan-nar bis-serial number 19835 kienet ilha skaduta mis-sena 2014 u b'hekk l-appellant kien qed iżommha mingħajr liċenzja.

- Pero' b'kull rispett tali ness ma seta bl-ebda' jinħoloq għar-raġuni li l-arma tan-nar elevata mir-residenza tal-appellant filfatt ma kinitx bis-serial number 19835 iżda bis-serial number '11985' u kwindi jirriżulta li dak konstatat u sostnut mix-xhud PS2255 Oriella Deguara ma kienx applikabbli għall-arma tan-nar li filfatt ġiet elevata mir-residenza tal-appellant.

- Tant hu hekk li fil-PIRS report hemm indikat li l-arma elevata mir-residenza tal-appellant filfatt kellha s-serial number '11985' u mhux '19835'. Tali PIRS report testwalment jaqra hekk:

> *"Illum nhar it-23/11/2022 għall-ħabta ta' 12:00hrs, l-Ispettur Christian Cauchi fil-presenza ta' PC387 u PC460 ipproċedew ġewwa l-Quatermaster fi ħdan il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija sabiex l-arma bin-numru 19835 tal-għamla 'shotgun' tiġi miżmuma hemm fejn attwalment wara l-arma msemmija ġiet mgħoddija lil RPC 3028 Jesmond Delia. Ta' min iżid illi waqt li kienet qegħda tiġi ċċekjata l-arma irriżulta li 's-serial number' fuq l-arma kien immarkat '11985', fejn kien hemm numru '1' zejjed fil-bidu. Intant l-Ispettur Christian Cauchi wettaq kuntatt ma' PC1525 Patrick Farrugia fi ħdan il-ballistics section fejn ġie nfurmat bid-diskrepanza li kien hemm fin-numru tal-arma bejn dak li kien hemm fuq l-arma u dak li kien hemm fis-sistem komputerizzata tal-Pulizija.*
>
> *L-Ispettur Christian Cauchi spjega wkoll lil PC1525 illi n-numru tal-applikazzjoni tal-arma ġġib in-numru SV/WO/676/A/80. PC 1525 spjega lil*

*Pulizija illi fiż-żmien ta' qabel ma kienx għad hawn sistema diġitali li timmarka n-numru tal-armi, fejn l-istess numru kien isir bil-miktub u li għaldaqstant stqarr li dan hu żball u ġie kemm -il darba wiċċ imb wiċċ ma problemi simili ta' armi antiki. L-Ispettur Christian Cauchi fittex fuq is-sistema komputerizzata tal-Pulizija jekk kienx hemm sid fuq in-numru tal-arma '11985', liema tfittxija rriżultat fin-negattiv. L-arma tal-għamla shotgun, bin-numru tal-arma '19835' ġie miżmuma ġewwa l-Quatermaster fejn il-Quatermaster number li jġib in-numru 'E2'"*

- Dan ikun allura jfisser li in atti ma temerġi ebda' prova li l-arma li filfatt instabet fil-fond appartenenti lill-appellant ossia dik bis-serial number '11985' kellha l-liċenzja taż-żamma skaduta. Il-kostatazzjoni konċernanti l-iskadenza tal-liċenzja minn PS2255 Oriella Degabriele kien tikkonċerna limitatament l-arma tan-nar bis-serial number '19835' – liema arma ma nstabitx fil-fond tal-appellant.

- L-atti proċesswali huma allura sajma minn prova waħda univoka li turi li l-arma tan-nar li effettivament instabet fil-fond appartenenti lill-appellant kelliex filfatt liċenzja taż-żamma valida u aġġornata.

- U anke jekk kieku biss wieħed ikollu jikkonċedi jew jaċċetta li s-serial number imniżżel fis-sistema kompjuterizzata tal-Pulizija potenzjalment huwa wieħed erroneju – kif jidher li ġie rimarkat minn PC1525 Patrick Farrugia – tali dubju għandu dejjem jimmililta favur l-appellant qua akkużat u dana in linea mal-massima legali in dubio pro reo.

- Fid-dawl tal-premess, l-appellant jikkontendi li huwa ma setax legalment jiġi misjub ħati tat-tielet (3) imputazzjoni dedotta kontra tiegħu.

**B. Dwar il-Piena**

**B.1. Il-konfiska tas-shot gun**

Dan l-aggravju qiegħed jinġieb il-quddiem mingħajr preġudizzju għal dak ta' qablu.

- Permezz tas-sentenza appellata, apparti l-imposizzjoni ta' multa u terminu ta' skwalifika milli l-appellant jkollu jew jikseb liċenzja għaż-żamma ta' arma tan-nar, ġiet ukoll ordnata l-konfiska tas-shot gun li ġie elevat mill-fond tal-appellant u dana a tenur tal-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

- L-appellant jikkontendi li tali ordni hija waħda illegali in kwantu l-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jitkellem fuq il-konfiska ta' dawk l-oġġetti li jistgħu jitqiesu bħala corpus deliciti u ma jsibx applikazzjoni għal kwalsiasi oġġett li jiġi elevat mill-Pulizija tul il-mori tal-investigazzjonijiet.

- Tali arma tan-nar fl-ebda' waqt ma ġiet użata mill-appellant sabiex jitwettaq xi reat. Filfatt l-arma tan-nar de quo qatt ma ġiet reklamata mill-Prosekuzzjoni bħala corpus delicti. Anzi kienet il-Pulizija stess li fl-affidavits relattivi saħqet li s-shot gun ġie elevat biss għal fini ta' "safe keeping" u mhux għaliex kien hemm xi suspett raġonevoli li tali shot gun ġie użat bħala mezz għal fini ta' xi reat.

- Tali shot-gun seta' biss kien konfiskabbli taħt l-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta kieku ġie stabbilit li permezz tiegħu jew bl-użu tiegħu ġie kommess xi reat – u b'hekk kien jikkwalifika bħala corpus delicti.

- Pero fil-każ in disamina ma seħħ xejn minn dan. F'dan il-każ, l-arma tan-nar ġiet meħuda biss bħala miżura ta' prekawżjoni u xejn iżjed.

- B'analoġija, meta' wieħed jinqabad isuq vettura fit-triq mingħajr ma jkun detentur ta' liċenzja tas-sewqan valida, filwaqt li x-xufier u/jew is-sid tal-karozza jkun suġġettibbli għal pieni kontemplati fil-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta, il-vettura ma tiġix konfiskata – għar-raġuni sempliċi li ma titqiesx bħala corpus delicti.

- Għaldaqstant, strettament mingħajr preġudizzju għall-aggravju preċedenti u fl-eventwalita' biss li l-appellant seta' legalment jinstab ħati tat-tielet (3) imputazzjoni dedotta kontrih, il-miżura tal-konfiska ma setgħet qatt kienet kominabbli u fiċ-ċirkostanzi hija waħda invalida fil-liġi.

**B.2. Sottomissjonijiet ġenerali**

- Strettament mingħajr preġudizzju għall-aggravji preċedenti jingħad li si tratta ta' piena, l-appellant ma hux persuna reċediv – primarjament għaliex prova tar-reċidiva ma nġibietx.

- F'dan l-isfond filwaqt li l-appellant jikkonċedi li l-piena ta' multa fl-ammont ta' €1,000 u l-iskwalifika tal-liċenzja taż-żamma ta' arma għal żmien ħames (5) snin hija waħda entro parametri, fl-umli fehma tiegħu hija waħda kemxejn eċċessiva u fiċ-ċirkostanzi timmerita temperament.

- Fl-ewwel lok, jiġi mfakkar li dan il-każ ma kienx wieħed ta' ċertu gravita u l-akkużi kienu biss dawk ta' insulti u theddid, filwaqt li l-arma tan-nar ġiet elevata limitatament għal fini ta' 'safe-keeping' u mhux għax ġiet użata sabiex jiġi kommess xi delitt.

- Fit-tieni lok l-appellant huwa first time offender u qatt ma xellef dufrejh mal-ġustizzja.

- Fit-tielet lok, l-appellant ikkolabora mal-Pulizija bis-sħiħ u dan huwa evidenti mill-affidavits tal-Pulizija esebiti in atti.

- Fir-raba' lok għandu jingħad li a tenur tal-artikolu 57 tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta, it-terminu ta' ħames (5) snin skwalifika ta' liċenzja huwa t-terminu massimu li jista' jiġi mpost. L-appellant umilment jemmen li l-fattispeċje tal-każ odjern ma kienux jimmeritaw terminu ta' skwalifika fil-massimu ta' tikkontempla l-liġi.

- L-istess jista' jingħad fuq l-imposizzjoni tal-multa in kwantu l-proviso tal-artikolu 51(2) tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta jisħaqq li l-ammont minimu kominabbli qua piena pekunjarja huwa ta' €698.81 u l-appellant jekk xejn jemmen li l-multa kellha ixxaqleb iżjed lejn il-minimu permessibbli fil-liġi.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant.

Semgħet lill-partijiet jittrattaw il-kawża u dan fis-seduta tas-17 ta' Novembru 2023.

**Ikkunsidrat,**

Illi l-appellant iressaq numru ta 'aggravji fir-Rikors tal-appell tiegħu. Fl-**<u>ewwel aggravju</u>** tiegħu l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti ma setgħetx tkun konvinta dwar il-ħtija tal-appellant lil hinn minn kull dubju raġonevoli għaliex l-armi li jirriżultaw reġistrati fuq l-appellant mill-provi prodotti mill-Pulizija u ċioè bis-serial number 19835 u 61 ma għandhomx l-istess serial number tal-arma tan-nar elevata mir-residenza tal-appellant bis-serial number '11985'. Illi l-aggravju tal-appellant huwa wieħed ta 'apprezzament tal-provi.

Din il-Qorti hija Qorti ta 'revizjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u għalhekk ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Kif

ritenut fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **il-Pulizja vs Julian Genovese**:[1]

> *"Hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta din il-Qorti (kemm fil-kaz ta appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll filkaz ta appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti* ***ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha.*** *Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti,* ***izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha.*** *Jekk izda din il-Qorti tasal ghallkonkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni.* (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appelli Kriminali: "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.**[2]" [12.5.1994]; "**Ir-Repubblika ta ' Malta vs. George Azzopardi**[3]" [14.2.1989]; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[4]" [31.5.1991]; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[5]" [31.5.1991] u ohrajn.)

Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi għal dak li ngħad minn Lord Chief Justice Widgery fil-kawza "**R. v. Cooper**[6]" (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968)

> *assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury s verdict (in*

[1] Appell Numru 141/2008 deciz nhar il-31 ta' Lulju, 2008.
[2] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta 'Mejju, 1994.
[3] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta 'Frar, 1989.
[4] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta 'Mejju, 1991.
[5] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta 'Mejju, 1991.
[6] [1969] 1 QB 276.

*this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."*[7]

Jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, diment li ma jkunx hemm raġuni valida. L-appellant jista 'ma jaqbilx mal-konklużjonijiet tal-Ewwel Qorti, madanakollu dan mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

Illi jirriżulta mix-xhieda ta' **PS2244 Oriella Degabriele** (fol.11) u mid-dokumenti minnha preżentati (fol.12) illi l-appellant sal-5 ta' Diċembru 2022 kien irreġistra f'ismu mal-Kummissarju tal-Pulizija żewġ armi tan-nar ċioè dik bis-serial number 61 li ġiet rappurtata misruqa fl-2009 u dik bis-*serial number* 19835, l-liċenzja ta' liema kienet ilha ma titħallas mill-2014.

Illi minn dak li ngħad aktar 'il fuq dwar x'jirriżulta mill-atti proċesswali, din il-Qorti tinnota li huwa ċar illi l-appellant fit-22 ta' Novembru 2022 kellu fil-pussess tiegħu arma tan-nar, liema arma tan-nar tirriżulta illi ġġib is-*serial number* 11985. Din il-Qorti tinnota s-sitwazzjoni xejn feliċi li rriżultat f'diskrepanzi fin-numri tal-armi reġistrati fis-sistema tal-Pulizija meta mqabbla man-numri tal-armi attwali, liema sitwazzjoni titfa' dubji serji sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess.

Nonostante ċiò, mir-residenza tal-appellant ġiet elevata arma tan-nar, liema arma giet mogħtija mill-appellant innifsu lill-Pulizija (vide fol.7 **l-affidavit ta' PS1526 Charlon Borg**). Illi minkejja illi din l-arma tan-nar ma kinitx dik bis-*serial number* 19835 iżda dik bis-*serial number* 11985, kif anke muri fil-PIRS report (fol.8) din il-Qorti ma tara l-ebda inċertezzi jew ambigwitajiet fil-fatt unikwivoku illi l-appellant kellu fil-pussess u

[7] Ara wkoll Blackstone's Criminal Practice (1991), p. 1392.

kontroll tiegħu arma tan-nar, tat-tip *shotgun*, illi ma kinitx reġistrata mal-Kummissarju tal-Pulizija f'ismu. Illi din il-Qorti ma għandha l-ebda dubju li din l-arma tan-nar kienet elevata minn għand l-appellant, għaliex dan jirriżulta mill-aqwa prova – dik diretta kif jirriżulta mill-affidavits.

Illi ssir referenza ghall-artikolu 5(1) f'Taqsima III tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta l-Att dwar l-Armi:

> "*Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta dan l-Att,* ***ħadd ma għandu jżomm f xi fond jew ikollu fil-pussess tiegħu, taħt il-kontroll tiegħu*** *jew iġorr barra minn xi fond jew fid-dintorni tiegħu* ***xi arma tan-nar****, jew munizzjon elenkati fl-Iskeda II* ***mingħajr ma jkollu liċenzja*** *taħt dan l-Att.*" (Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti)

Illi, għaldaqstant ma hemm ebda dubju illi l-arma tan-nar illi ġiet elevata mir-residenza tal-appellant fit-22 ta' Novembru 2022, kienet teħtieġ liċenzja għat-termini tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, liema liċenzja ma tirriżultax illi ġiet reġistrata fuq l-appellant, minkejja li din l-arma instabet fil-fond residenzjali, fil-pussess u kontroll tiegħu.

Għalhekk jirrizulta li kemm l-att materjali kif ukoll formali tat-tielet imputazzjoni ġie ippruvat u li l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolment issib lill-appellant ħati ta' din it-tielet imputazzjoni. Għal dawn ir-raġunijiet imsemmija hawn fuq, din il-Qorti qed tiċħad dan l-ewwel aggravju, u tikkonferma s-sejbien ta' ħtija tal-appellant taħt it-tielet (3) imputazzjoni.

Kwantu tat-**tieni aggravju**, l-appellant jikkontendi illi l-ordni ta' konfiska hija waħda illegali in kwantu illi l-artikolu 29 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jitkellem fuq il-konfiska ta' *corpus deliciti*. Illi l-arma tan-nar ġiet esebita formalment in atti kif turi l-irċevuta tal-Uffiċjal Prosekutur eżebita fol.14, fis-seduta tas-6 ta' Diċembru 2022 (Esebit Numru KA 432/2022).

Ġialadarba din il-Qorti **tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu illi ssib lill-appellant ħati tat-tielet (3) imputazzjoni**, din il-Qorti tinnota illi l-konfiska tal-arma

hija konsegwenza tassattiva u konsegwenzjali għal piena erogata meta tirriżulta l-ħtija fejn ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta hemm dispost illi:

> *"Il-Qorti għandha tordna l-konfiska ta arma regolari jew munizzjon li jkunu qed jinżammu jew jinġarru, jiġu akkwistati jew ikunu fil-pussess, jiġu importati jew esportati, mibjugħin jew trasferiti bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta dan l-Att bħala konsegwenza tal-piena għal dak il-ksur."*

Għal dawn ir-raġunijiet imsemmija hawn fuq, **din il-Qorti qed tiċħad dan it-tieni aggravju.**

Illi, it-**<u>tielet aggravju</u>** rimanenti sottopost għal ġudizzju ta 'din il-Qorti jikkonċerna l-piena erogata mill-Ewwel Qorti u ċioe dik ta' ħlas ta' multa ta' elf ewro (€1,000) u skwalifika tal-liċenzja għaż-żamma ta' arma tan-nar għal żmien ħames (5) snin. Illi fir-rigward tal-piena erogata mill-Ewwel Qorti huwa indubitat illi din taqa 'sewwa sew fil-parametri tal-liġi u għaldaqstant hija waħda ekwa u ġusta. Kwindi l-Qorti ma tista ' tara li hemm ebda mottiv li jista 'jwassalha biex titbiegħed mid-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti fir-rigward.

**Għaldaqstant, għal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant u tikkonferma s-sentenza appellata kemm fir-rigward mertu kif ukoll rigward il-piena imposta.**

**Tordna ghalhekk li z-zmien tal-iskwlaifika imposta jibda jiddekorri mill- illum data ta' din is-sentenza.**

**Consuelo-Pilar Scerri Herrera**

**Imħallef**